MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Talba Numru. 716/2005

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Corinne Vella (ID488265M) u l-istess Corinne Vella**

**Vs**

**Martin Farrugia**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Marzu 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm345.70 (tlett mija hamsa u erbghin Lira Maltin u sebghin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar l-1 ta' Lulju 2002 li sehh gewwa San Pawl il-Bahar.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Prevja li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fi Triq Burmarrad,

San Pawl il-Bahar, fl-1 ta’ Lulju 2002, li fih kienu involuti il-vettura CAT 346 proprjeta tal-attrici Corinne Vella, u l-vettura SL4OB misjuqa mill-konvenut, u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut:

Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tliet mija u hamsa u erbghin lira Maltin, u sebghin centezmu (Lm345.70) rappresentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bhala kagun tal-incident premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Marzu 2004, u ta’ dik prezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra il-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza tikkoncerna habta li saret bejn vettura misjuqa mill-attrici u Bob Cat misjuq mill-konvenut. Kien qed isir xoghol fiz-zmien il-kollizzjoni ta’ qlib u rrangar ta’ toroq fi Triq ta’ Burmarad meta sehh dan l-incident. Il-vettura attrici riedet tohrog min Sherry’s Garden, waqfet fil-bokka, rat li dan kien qed jahdem xi erba` metri lura, pero` dan gie lura u ghalkemm ghamlitlu ndikazzjoni biex jieqaf dan baqa gej lura u habat. Da parti tieghu l-konvenut stqarr illi huma kienu qed jaghmlu xoghol ta’ tindif, kien gej bl-lura, hass li habat ma xi haga u ra li kien habat mal-vettura misjuqa mill-attrici. Din il-habta hija partikolari fis-sens illi z-zewg xufiera qablu fuq il-kawza ta’ l-incident.

Li ghandhu jigi deciz huwa li f’dawk ic-cirkostanzi z-zewg vetturi ezercitaw li ma segwewx ir-regolamenti, sia bhala manegjar ta’ vetturi u sia bhala sigurta fuq il-post tax-xoghol. Jigi ribadit illi l-konvenut kien fuq xogholu, kien qed juza vettura li ma tintuzax fit-triq izda tintuza semplicement ghat-thaffir u tindif u kif qal hu fuq wara ma

jzommu lil hadd ghax huwa perikoluz u fuq quddiem kien hemm in-nies jahdmu. Ghandhu jinghad illi f’tali cirkostanzi u f’tali ambjent ta’ xoghol, l-istess konvenut u ossia min kien inkarigat minn l-istess xoghol, kellhom jiehdu certu prekawzjonijiet sabiex tali incidenti ma jsirux. In vista illi x-xoghol isir fuq quddiem ma jzommux nies fuq wara pero’, una volta li l-istess *tool of trade* qed tigi mmanegjata ukoll bir-*reverse* imissu kien hemm supervizjoni fuq wara sabiex l-akwati fejn qed tintuza l-istess Bob Cat ma kenitx tikkostitwixxi ruhha ta’ perikoli ghal utenti l-ohra tat-triq. Ex admissis, l-konvenut ammetta illi l-apertura ossia l-bokka min fejn giet l-attrici kienet miftuha ghat-traffiku u allura setghu jithlu u johorgu mill-istess bokka kif effettivament bdiet taghmel l-attirci. In vista illi din it-*tool of trade* hija partikolari messu kien hemm adekwazzjoni ahjar ta’ principji elementarji ta sigurta fuq il-post tax-xoghol biex dan l-incident ma kienx isehh.

Illi l-konvenut kien onest bizzejjed sia a tempo vergine u sia meta ra x-xhieda tieghu fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2006 li mill-ewwel offra li jsewwi l-vettura ghand l-imghallem tieghu stess pero’, dina rrifjutat li taghmel dan ghax prefriet li taghmel dan ghand riparaturi tal-fiducja taghha. Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm345.70), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------